MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru. 1421/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**STEFANO MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stefano Muscat ta’ 22 sena, bin Carmelo u Antonia nee’ Fontebrero, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Awwissu, 1985, residenti fil-fond 46/1, Triq San Gwann, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 404885(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar it-18 ta’ Novembru, 2007 ghall-habta ta’ xi 11.00am, fil-fond numru 46/1, Triq San Gwann, Bormla, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni, izda li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, permezz ta’ xi arma, strument, jew ghodda ohra jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, fuq il-persuna ta’ ommu Antonia Muscat, ta’ huh Romario Muscat, u ta’ Joseph Brignone, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tal-hati, u dan b’arma, strument jew ghodda irregolari (sikkina), u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216, u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq Antonia Muscat, skond ma ccertifika Dr S Baldacchino MD (Reg 2180), mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, bejn is-1.00pm u t-3.00pm, waqt li kien fl-ghassa tal-pulizija ta’ Bormla, u fil-poliklinika tar-Rahal Gdid, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Alexander Grech u ta’ Dr Sandra Baldacchino, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ ommu Antonia Muscat, u ta’ huh Romario Muscat, u ta’ Joseph Brignone, l-Ispettur Alexander Grech u ta’ Dr Sandra Baldacchino MD, weggaghhom bi kliem, b’gest, jew b’mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-

pussess tieghu arma irregolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma irregolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha, u dan bi ksur tal-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' ommu Antonia Muscat, ta' huh Romario Muscat, ta' Joseph Brignone, l-Ispettur Alexander Grech, u ta' Dr Sandra Baldacchino MD, sabiex jingurjahom, idejjaqhom, jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat Stefano Muscat, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 64, 95(1), 214, 216, 217, 221(1), 252(1), 338(bb)(dd), u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Stefano Muscat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedoti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn (2) taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation Services, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------